KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 25.10.2007
KUMM(2007) 632 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea
Rapport Annwali 2006

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea
Rapport Annwali 2006

WERREJ

1. Daħla 3
2. Applikazzjonijiet ġodda riċevuti fl-2006 3
3. Applikazzjonijiet li waslu fl-2005 6
4. Kwistjoni speċjali: L-użu tar-rati tal-kambju barra miż-żona ta' l-Euro 7
5. Finanzjament 7
6. Monitoraġġ 8
7. Għeluq 9
8. Proposta għal Regolament ġdid għal Fond ta' Solidarjetà 10
9. Konklużjonijiet 10

ANNESS 1 European Union Solidarity Fund applications received or completed in 2006 12

ANNESS 2 Criteria to mobilise the EU Solidarity Fund 13

ANNESS 3 Determination of the amount of aid 14

ANNESS 4 Thresholds for major disasters applicable in 2006 (based on 2004 figures for Gross National Income) 15

1. DAĦLA

Il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea twaqqaf fil-15 ta' Novembru 2002[1]. L-Artikolu 12 tar-Regolament jipprevedi li rapport dwar l-attività tal-Fond fis-sena ta' qabel jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport, jippreżenta l-attivitajiet tal-Fond fl-2006 li jkopru, bħal fir-rapporti preċedenti, tliet oqsma: it-trattament ta' l-applikazzjonijiet ġodda riċevuti matul l-2006; il-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni kontinwa ta' l-għotjiet, u l-analiżi tar-rapporti ta' implimentazzjoni bil-ħsieb li dawn jiġu ppreparati għall-għeluq.

Barra minn hekk, ir-rapport jippreżenta l-progress li sar fir-rigward tal-proposta għal Regolament ġdid dwar il-Fond ta' Solidarjetà ppreżentata mill-Kummissjoni fis-6 ta' April 2000 għall-perjodu wara li jiskadu l-Perspettivi Finanzjarji ta l-2000-2006.

2. APPLIKAZZJONIJIET ĠODDA RIĊEVUTI FL-2006

Fl-2006, il-Kummissjoni rċeviet erba' applikazzjonijiet ġodda għal għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà. L-Anness 1 jagħti deskrizzjoni ġenerali dettaljata tal-każijiet kollha. Dawn ġew evalwati fid-dawl tal-kriterji stipulati fir-Regolament u ta' l–informazzjoni li l-Istati applikanti setgħu jipprovdu.

Ir-Renju Unit

Fis-17 ta' Frar 2006, ir-Renju Unit ressaq applikazzjoni għal għajnuna mill-Fond tas-Solidarjetà marbuta ma' l-isplużjonijiet u n-nar fid-depot tal-ħżin taż-żejt ta' Buncefield f'Hertfordshire li seħħ fil-11 ta' Diċembru 2005. L-isplużjonijiet ikkawżaw ħsara lil proprjetà, infrastruttura u lill-ambjent u fixklu l-andament tan-negozji. Elfejn ruħ ġew evakwati temporanjament minn darhom. Il-ħsara totali diretta kkawżata mid-diżastru kienet ta' EUR 730 miljun. Il-popolazzjoni fiż-żona milquta kienet tammonta għal 138 000 ruħ, li minn dawn l-awtoritajiet tar-Renju Unit stmaw li ġie milqut massimu ta' 10 000.

Ir-Regolament jistipula fl-Artikolu 2(1) li japplika *prinċipalment* għal diżastri naturali maġġuri[2]. Għaldaqstant, minkejja li ma teskludix l-eliġibilità ta' diżastri teknoloġiċi, dawn jistgħu jitqiesu eliġibbli biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali[3].

Il-limitu normali għall-mobilizzazzjoni ta' l-EUSF fir-Renju Unit fl-2006 kien ta' EUR 3 203 biljuni (jiġifieri EUR 3 biljuni fi prezzijiet ta' l-2000). Billi l-ħsara diretta ta' l-isplużjoni kienet ferm inqas mil-limitu normali għall-mobilizzazzjoni ta' l-

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea, ĠU L 311/3 ta' l-14.11.2002, f'li ġej imsemmi bħala "ir-Regolament".

2 L-Artikolu 2(1) jgħid: "*Fuq talba ta' Stat Membru jew pajjiż involut fin-negozjati ta' adeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "Stat benefiċjarju", assistenza mill-Fond tista' tiġi prinċipalment immobilizzata meta jseħħ diżastru naturali maġġuri b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien, fuq l-ambjent naturali jew fuq l-ekonomija f'reġjun wieħed jew aktar jew pajjiż wieħed jew aktar fit-territorju ta' dak l-Istat.*"

3 L-uniku każ s'issa li għalih ġie mmobilizzat il-EUSF għal diżastru mhux naturali kien meta ġhereq it-tanker taż-żejt "Prestige" 'il barra mill-kosta ta' Spanja.

EUSF, ir-Renju Unit ressaq l-applikazzjoni taħt il-kriterju ta' "diżastru reġjonali straordinarju" li jinsabu fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament, li jipprovdi għall-użu ta' l-EUSF jekk tkun sodisfatta ġabra ta' kundizzjonijiet speċifiċi[4]. Ir-Regolament jirrikjedi lill-Kummissjoni tapplika dawn il-kundizzjonijiet "bl-akbar rigorożità".

L-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni indikat li, filwaqt li l-isplużjoni kkawżat ħsara notevoli lokalment, l-applikazzjoni ma ssodisfatx il-kundizzjonijiet stipulati mir-Regolament għall-mobilizzazzjoni tal-Fond. Il-ħsara kienu ferm inqas mil-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond (inqas minn 23 % ta' dak il-limitu) u parti żgħira ħafna biss tal-popolazzjoni ta' dak ir-reġjun kienet affettwata. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, l-awtoritajiet tar-Renju Unit iddeċidew li jirtiraw l-applikazzjoni li l-Kummissjoni rċeviet permezz ta' ittra fit-22 ta' Marzu 2006.

Il-Greċja

L-awtoritajiet Griegi ressqu applikazzjoni fit-22 ta' Mejju 2006 fir-rigward ta' l-għargħar li seħħu fi Marzu 2006 fiż-żona tax-xmara Evros fuq il-fruntiera tal-Lvant tal-Greċja. Ingħatat informazzjoni supplimentari f'Lulju u f'Novembru 2006; it-traduzzjoni ta' din l-informazzjoni mill-oriġinal bil-Grieg wasslet għal dewmien sostanzjali fl-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni. Din kienet it-tieni applikazzjoni fi żmien 13-il xahar marbuta ma' għargħar fir-reġjun tax-xmara Evros. L-ewwel applikazzjoni, imressqa fl-2005, instabet li ma kinitx eliġibbli u ġiet miċħuda[5].

L-għargħar ta' l-2006 kkawża ħsara diretta ta' madwar EUR 372 miljun, kważi tliet darbiet l-ammont ta' ħsara kkawżata fis-sena ta' qabel, iżda xorta waħda inqas mil-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' EUR 1.004 biljuni, jiġifieri 0.6 % tad-Dħul Gross Nazzjonali tal-Greċja (DGN). Għalhekk, l-applikazzjoni ġiet eżaminata skond il-kriterji għal diżastru reġjonali straordinarju.

Instab li iktar minn 70 % tal-180 000 persuna li jagħmlu l-popolazzjoni fir-reġjuni mgħarraq kienu milquta direttament. Saret ħsara maġġuri lin-netwerks u lill-infrastruttura taż-żona u l-attività ekonomika fir-reġjuni ġiet paralizzata. Madwar 100 miljun m² ta' art agrikola ġiet mgħarrqa mat-tul tax-xmara u madwar 2 000 bhima ntilfu. L-għargħar ikkawża distruzzjoni totali tal-prodotti agrikoli filwaqt li minħabba li l-ilma dam ma reġa' niżel għal-livelli preċedenti, ma setgħux jitħawlu uċuħ oħra. Minħabba n-nuqqas ta' prodotti agrikoli, il-biċċa l-kbira ta' l-industrija lokali ma setgħetx tipparteċipa f'attivitajiet agrikoli, ta' pproċessar jew kummerċjali f'reġjuni li fih l-okkupazzjoni ewlenija ta' 90 % tal-popolazzjoni hija l-agrikoltura. Il-ħsara estensiva li saret lin-netwerk ta' irrigazzjoni u l-provvista ta' l-ilma wasslet biex jiġi mqassam ilma fil-fliexken f'għadd ta' muniċipalitajiet. It-tiswija tan-netwerks tal-provvista ta' l-ilma, l-identifikazzjoni ta' spieri alternattivi li ma kinux affettwati mill-kontaminazzjoni tal-baċir idroloġiku u t-tfittxija għal fawwariet ġodda kienet mistennija toħloq sitwazzjoni kritika fiż-żona usa' għal iktar minn sena. Ġie nnutat li l-effett negattiv fuq l-attività ekonomika kkawżata mill-għargħar, li huma meqjusa l-agħar f'dawn l-aħħar 50 sena, seħħ f'żona li kienet diġà ġiet milquta

---

4 "*....diżastru straordinarju, partikolarment wieħed naturali, li jaffettwa l-maġġoranza tal-popolazzjoni ta' reġjun, b'riperkussjonijiet serji u dejjiema fuq il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u l-istabilità ekonomika tar-reġjun*"

5 Għad-dettalji tar-Rapport Annwali: 2005 COM(2006) 444 finali

serjament mill-ġhargħar fl-2005. Dan l-effett kumulattiv affettwa sewwa l-kapaċità għall-irkupru ta' l-ekonomija lokali.

Kmieni fl-2007, il-Kummissjoni għalħekk ħadet id-deċiżjoni li tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-Fond u tagħti ammont ta' EUR 9.3 miljuni.

L-Ungerija

Wara d-diżastru ta' l-ġhargħar li laqat lill-Ungerija f'April/Mejju 2006, l-awtoritajiet Ungeriżi, fid-9 ta' Ġunju, bagħtu applikazzjoni lill-Kummissjoni għal għajnuna mill-Fond tas-Solidarjetà. L-applikazzjoni tressqet bl-Ingliż u għalhekk ma ħtiġitx traduzzjoni qabel ma s-servizzi tal-Kummissjoni setgħu jagħmlu l-evalwazzjoni tagħhom. Intalbet informazzjoni addizzjonali mill-Kummissjoni meħtieġa biex titlesta l-evalwazzjoni u din waslet fil-21 ta' Settembru. L-ġhargħar ikkwalifika bħala diżastru naturali fi ħdan it-tifsir tar-Regolament billi l-ħsara diretta ta' madwar EUR 560 miljun qabżet il-limitu għall-mobilizzazzjoni tal-Fond (EUR 459.494 miljuni, li jirrappreżentaw 0.6 % tad-DGN ta' l-Ungerija.)

Id-diżastru affettwa 'l fuq minn 1.5 miljun abitant fi 8 mill-20 kontea ta' l-Ungerija fiż-żoni ta' lqugħ tax-xmajjar Danubju u Tisza. L-awtoritajiet Ungeriżi rrappurtaw ħsara serja lill-infrastruttura, partikolarment fis-settur ta' l-ilma/drenaġġ (EUR 136 miljun), għall-protezzjoni mill-ġhargħar (EUR 85 miljun), fis-settur tat-trasport (EUR 93 miljun) kif ukoll fl-agrikoltura (iktar minn EUR 61 miljun), lill-wirt kulturali, u lil bosta parki naturali.

Il-Kummissjoni ddeċidiet fl-1 ta' Diċembru 2006 li timmobilizza l-Fond tas-Solidarjetà u pproponiet li tagħti għajnuna finanzjarja li tammonta għal EUR 15-il miljun. Il-proposta korrispondenti li temenda l-baġit – li tkopri l-każ Ungeriż kif ukoll dak Grieg – tressqet fl-2007, hekk kif tlestiet l-evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni Griega.

Spanja

Wara n-nirien forestali li affettwaw lil Galicia waqt Awissu ta' l-2006, l-awtoritajiet Spanjoli, fis-6 ta' Ottubru, bagħtu applikazzjoni lill-Kummissjoni għal għajnuna mill-Fond tas-Solidarjetà. L-applikazzjoni tressqet bl-Ispanjol u t-traduzzjoni ħadet iktar minn 4 ġimgħat.

Skond l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli, in-nirien ikkawżaw ħsara totali ta' madwar EUR 91 miljun li jirrappreżentaw inqas minn 3 % tal-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà applikabbli għal Spanja (EUR 3.203 biljun, jiġifieri EUR 3 biljun fi prezzijiet ta' l-2002). Billi l-ħsara totali baqgħet taħt il-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà, l-applikazzjoni ġiet eżaminata skond il-kriterji għal "diżastru reġjonali straordinarju".

L-applikazzjoni Spanjola kienet tirrigward l-Galicia kollha li għandha popolazzjoni totali ta' 2.760 miljun abitant. Ġie rrekordjat total ta' 1 908 nirien, li seħħew fit-territorju ta' 128 muniċipalità li l-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu fil-punent tal-Galicia b'popolazzjoni ta' 1.5 miljun abitant, inklużi bliet ewlenin bħal Santiago de Compostela, Ourense u Vigo. Filwaqt li kien hemm evidenza ta' ħsara estensiva fil-foresterija u lill-ambjent, l-applikazzjoni tat ftit evidenza ta' ħsara li affettwat

direttament lill-popolazzjoni. Kollox ma' kollox, l-evidenza mressqa ma ppermettietx lill-Kummissjoni tikkonkludi li l-maġġoranza tal-popolazzjoni tar-reġjun li kienet tirrigwarda l-applikazzjoni kienet affettwata direttament.

Il-possibilità – kif indikat fl-applikazzjoni – li għadd ta' nirien ma kellhomx oriġini naturali ma ġietx esplorata iktar.

Fl-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li filwaqt li l-evidenza mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli ssuġġeriet li kien hemm effetti serji fuq l-ambjent li jaffettwaw ukoll b'mod negattiv il-kundizzjonijiet ta' għajxien, id-diżastru ma affettwax il-maġġoranza tal-popolazzjoni u ma kienx hemm evidenza ta' effetti dejjiema fuq l-istabbilità ekonomika tar-reġjun. Dan il-punt ta' l-aħħar kien appoġġat mill-fatt li l-ħsara tirrappreżenta biss 0.2 % tal-Prodott Gross Domestiku ta' Galicia.

Fl-20 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li tirrifjuta l-applikazzjoni u infurmat lill-awtoritajiet Spanjoli b'dan.

3. APPLIKAZZJONIJIET LI WASLU FL-2005

L-evalwazzjoni – skond il-kriterju ta' diżastru reġjonali straordinarju – ta' l-applikazzjoni ta' l-**Awstrija** tad-19 ta' Ottubru 2005, marbuta ma' l-għargħar fil-Länder ta' Vorarlberg u Tyrol f'Awissu ta' l-2005, tlestiet wara li ngħatat informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Awstrijaċi fit-12 ta' Jannar 2006.

Il-ħsara diretta totali ġiet stmata għal EUR 591.94 miljun, li jirrappreżentaw madwar 0.27 % tad-DGN ta' l-Awstrija jew 45 % tal-limitu normali għall-mobilizzazzjoni ta' l-EUSF fl-Awstrija (0.6 % tad-DGN). Instab li iktar minn 60 % tat-98 000 abitant fiż-żona kkonċernata mill-għargħar kienu milquta serjament.

L-evidenza wriet li l-għargħar ikkawżat tfixkil serju u permanenti fuq l-infrastruttura, partikolarment fl-oqsma tat-trasport, ta' l-ilma/id-drenaġġ u ta' l-enerġija, b'effetti dejjiema fuq is-setturi kollha ta' l-attività ekonomika, inkluż l-agrikoltura. Il-ħsara fis-settur privat kienet ikkaratterizzata minn għadd għoli ta' djar meqruda ('il fuq minn 1 200 fit-Tyrol biss), ħsara serja lin-negozji u partikolarment lit-turiżmu, l-għajn ewlenija ta' dħul tar-reġjun. L-effetti ta' l-għargħar kienu mistennija jibqgħu jinħassu għal iktar minn sena. Jekk titqies il-ħsara eċċezzjonali, il-konsegwenzi ta' dan l-għargħar f'reġjun ta' kważi 100 000 abitant, ma jisgħux jitqiesu bħala sempliċement lokali. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Fond tas-Solidarjetà għandu jiġi mmobilizzat u pproponiet li tagħti għajnuna finanzjarja li tammonta għal EUR 14.8 miljuni.

L-evalwazzjoni taż-żewġ diżastri marbuta ma' għargħar li għalihom applikat **ir-Rumanija** fl-2055, tlestiet kmieni fl-2006 ladarba l-awtoritajiet Rumeni taw l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni fid-29 ta' Diċembru 2005. Fl-10 ta' Marzu, il-Kummissjoni ddeċidiet li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà u li tipproponi għajnuna li tammonta għal EUR 18.8 miljuni għall-għargħar tar-rebbiegħa u EUR 52.4 miljuni għall-għargħar tas-sajf.

Fit-23 ta' Diċembru 2005, il-Kummissjoni kienet diġà pproponiet li tagħti għajnuna finanzjarja lill-**Bulgarija** għaż-żewġ diżastri ta' għargħar li seħħu fir-rebbiegħa u fis-sajf ta' l-2005 li tammonta rispettivament għal EUR 9.7 miljuni u EUR 10.6 miljuni.

Fis-27 ta' April 2006, il-Kunsill u l-Parlament adottaw il-proposta tal-Kummissjoni għall-emendar tal-baġit li kopriet f'pakkett wieħed il-ħames għotjiet lill-Awstrija, ir-Rumanija u l-Bulgarija u d-deċiżjonijiet rispettivi ta' l-għotjiet setgħu jiġu adottati fid-19 ta' Ġunju għall-Bulgarija, fid-29 ta' Ġunju għall-Awstrija u fis-26 ta' Lulju għar-Rumanija.

4. KWISTJONI SPEĊJALI: L-UŻU TAR-RATI TAL-KAMBJU BARRA MIŻ-ŻONA TA' L-EURO

L-applikazzjonijiet riċenti għall-għajnuna tal-Fond ta' Solidarjetà minn pajjiżi barra miż-żona ta' l-Euro qajmet il-kwistjoni ta' liema rata tal-kambju għandha tapplika għall-konverżjoni ta' l-għotja fil-munita nazzjonali. Ir-Regolament ma fihx dispożizzjoni speċifika dwar l-użu ta' l-Euro.

Il-kwistjoni toħloq problemi partikolari fil-każ ta' ċaqliq fir-rati tal-kambju, per eżempju bejn id-data ta' l-applikazzjoni u d-data li fiha l-għotja tiġi kkreditata lill-kont bankarju ta' l-Istat benefiċjarju. Jekk id-data relevanti tal-konverżjoni tkun id-data ta' l-applikazzjoni u jkun hemm rivalutazzjoni tal-munita nazzjonali fil-konfront ta' l-Euro fil-perjodu sad-data tal-ħlas, l-ammont ta' għajnuna fil-munita nazzjonali jonqos. Naturalment, l-effetti possibbli kkawżati mill-bidliet fir-rata tal-kambju bejn id-data ta' l-applikazzjoni u d-data tal-ħlas tista' tkun ta' natura kemm pożittiva kif ukoll negattiva.

Fil-każijiet kollha s'issa, il-konverżjoni fil-Euro saret fuq il-bażi tar-rata tal-kambju fil-waqt ta' l-applikazzjoni. Biex l-eżekuzzjoni finanzjarja ta' l-għotja tiġi ssimplifikata, il-Kummissjoni s'issa talbet lill-Istati benefiċjarji biex japplikaw din ir-rata tal-kampju waħda tul l-implimentazzjoni kollha u bħala l-bażi għar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni u d-dikjarazzjoni dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja ta' l-għotja. Il-Kummissjoni biħsiebha tissokta bil-prassi attwali tagħha, f'konformità ma' l-idea sottostanti ta' l-EUSF ta' strument mhux buroktratiku.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni biħsiebha tissokta bil-prassi tagħha li tirrikjedi lill-Istat benefiċjarju japplika r-rata tal-kontabilità finanzjarja tal-Kummissjoni bħala r-rata tal-kambju ta' referenza. Ir-rati li għandhom jintużaw għal dak l-iskop jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u jistgħu jinsabu wkoll fl-indirizz elettroniku li ġej:

http://europa.eu.int/comm/budget/inforeuro.

5. FINANZJAMENT

Il-ħames każijiet mill-2005 li għalihom il-proċedura kienet għadha ma tlestietx qabel l-aħħar tas-sena (għargħar fir-Rumanija, il-Bulgarija u l-Awstrija) ġew indirizzati b'baġit wieħed li jemenda. L-Abbozz Preliminari tal-Baġit li Jemenda Nru 1/2006[6]

[6] SEC(2006) 325 finali ta' l-10.3.2006

ġie approvat mill-Awtorità Baġitarja fis-27 ta' April 2006. Il-ħlasijiet setgħu jsiru wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' l-għotja u wara li ġie ffirmat il-ftehim ta' implimentazzjoni. Fil-ħames każijiet, il-ħlasijiet iddewmu minħabba li l-proposti mill-Istati benefiċjarji dwar l-użu li se jsir mill-għotjiet tressqu tard u dawn kellhom jiġu inklużi fil-ftehim ta' implimentazzjoni (għad-dettalji ara l-Anness 1).

L-ammonti ta' għajnuna f'kull każ ġew iddeterminati fuq il-bażi tal-metodu standard adottat preċedentement mill-Kummissjoni u spjegat fid-dettal fir-rapport annwali ta' l-2002/2003 (ara wkoll l-Anness 3 tar-rapport preżenti). L-ammonti ta' għajnuna fl-2006 kienu dawn li ġejjin:

Il-benefiċjarju	**Diżastru**	**Kategorija**	**Ammont ta' għajuna** (EUR)
L-Awstrija	għargħar	reġjonali	14°798°589
Ir-Rumanija	għargħar tar-rebbiegħa	maġġuri	18°797°800
Ir-Rumanija	għargħar tas-sajf	maġġuri	52°406°870
Il-Bulgarija	għargħar tar-rebbiegħa	maġġuri	9°722°183
Il-Bulgarija	għargħar tas-sajf	maġġuri	10°632°185
Total			**106°357°627**

Minħabba l-ammont sinifikanti ta' riżorsi meħtieġa għall-ħames każijiet marbuta ma' l-għargħar u n-nuqqas ta' disponibilità ta' approprjazzjonijiet ta' ħlas korrispondenti ħielsa fil-waqt tal-proċedura baġitarja, kellha tiġi inkluża rikjesta għal approprjazzjonijiet addizjonali ta' ħlas fl-Abbozz Preliminarji tal-Baġit li Jemenda Nru 1/2006.

Għall-applikazzjonijiet li waslu mill-Greċja u l-Ungerija fl-2006, il-Kummissjoni ppreżentat l-Abbozz Preliminari tal-Baġit li Jemenda Nru 2/2007[7] li ġie approvat mill-Awtorità Baġitarja fis-7 ta' Ġunju 2007; ir-rapport annwali tas-sena d-dieħla se jirrapporta dwar dan.

6. MONITORAĠĠ

Fl-2006, il-Kummissjoni wettqet seba' żjajjar ta' monitoraġġ: l-ewwel żjara f'Ġunju kkonċernat lis-Slovakkja (il-maltempata f'Tatra); sensiela oħra ta' żjarat ikkonċernat l-erba' pajjiżi (l-Iżvezja, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja) li kienu milquta mill-maltempata qawwija f'Jannar 2005. Saru żjajjar fir-Rumanija u l-Bulgarija rispettivament f'Ottubru u Novembru u t-tnejn ikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' l-għotjiet tal-Fondi ta' Solidarjetà wara d-diżastri ta' għargħar doppju fl-2005.

Bħal f'okkażjonijiet preċedenti, dawn iż-żjarat intlaqgħu tajjeb mill-awtoritajiet ikkonċernati u pprovdew opportunità biex jiġu ċċarati ċerti kwistjonijiet tekniċi bħal dawk li jinvolvu l-eliġibilità għall-infiq u kwistjonijiet ta' kontroll. L-awtoritajiet Slovakki qajmu kwistjoni dwar ir-rata tal-kambju li għandha tiġi applikata mill-benefiċjarji barra miż-żona ta' l-Euro. Is-soluzzjoni maqbula (ara l-punt 4 iktar 'il

[7] COM (2007) 148 finali tat-28.3.2007

fuq) kien rilevanti għall-benefiċjarji l-oħra kollha li rċevew għotjiet fl-2005 u fl-2006 u sussegwentement ġiet applikata b'mod ġenerali. Iż-żjarat taw ukoll iċ-ċans lill-Kummissjoni biex tieħu impressjoni tal-valur miżjud tal-Fond ta' Solidarjetà u biex tiġbor informazzjoni dwar is-sistemi ta' l-implimentazzjoni. Instab li s-sistemi ta' implimentazzjoni li twaqqfu jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor iżda ġeneralment jistgħu jitqiesu li huma effettivi u trasparenti, u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi użaw l-istrutturi u l-proċeduri li diġà kienu twaqqfu għall-Fondi Strutturali. L-implimentazzjoni nstabet li qed tipprogressa b'rata sodisfaċenti u fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ttieħdu passi biex jiġu rrispettati l-obbligi ta' kontroll u monitoraġġ. Fejn dan deher li ma kienx kompletament il-każ, il-Kummissjoni tennet il-ħtieġa li l-monitoraġġ u l-kontroll ikunu parti integrali mis-sistemi ta' implimentazzjoni mill-bidu.

7. GHELUQ

L-Artikolu 8(2) tar-Regolament 2012/2002 jistipula li mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-iskadenza tal-perijodu ta' sena mid-data tal-ħlas ta' l-għotja, l-Istat benefiċjarju jrid jippreżenta rapport dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja ta' l-għotja (minn hawn 'il quddiem: "rapport dwar l-implimentazzjoni") bi stqarrija li tiġġustifika l-infiq (minn hawn 'il quddiem: "stqarrija ta' validità"). Fi tmiem din il-proċedura, il-Kummissjoni għandha tistralċja l-assistenza mill-Fond.

Fir-rigward ta' l-għeluq ta' l-għajnuna li ż-żewġ każijiet Taljani li għalihom ir-rapport dwar l-implimentazzjoni wasal fit-18 ta' Novembru 2005 (Terremot - Molise/Apulia u eruzzjoni volkanika - Etna), il-Kummissjoni nnutat li l-ammont sħiħ ta' għotjiet ta' l-EUSF (jiġifieri, EUR 16 798 000 għall-iżbroff ta' l-Etna u EUR 30 826 000 għat-terremot ta' Molise/Apulia) intefaq mill-awtoritajiet Taljani. Il-Kummissjoni talbet għadd ta' kjarifiki mill-awtoritajiet Taljnai dwar l-istqarrija ta' validità marbuta ma' l-eżekuzzjoni finanzjarja ta' l-għotja (taħt l-Artikolu 9 tal-ftehim ta' l-implimentazzjoni), li waslu fit-22 ta' Novemrbu 2006. Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-informazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni għalqet l-għajnuna fit-30 ta' April 2007.

Fir-rigward ta' l-għajnuna li ngħatat lill-Portugall (nirien forestali fl-2003) li dwarha kien riċevut rapport dwar l-implimentazzjoni f'Ġunju 2004, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet Franċiżi fit-8 ta Awissu 2006. L-awtoritajiet Portugiżi indikaw li effettivament intefaq ammont ta' EUR 42 359 112.21 (mill-għotja totali ta' EUR 48 539 000). Konsegwentement, se jkollu jiġu rkuprat bilanċ ta' EUR 6 179 887.79. Barra minn hekk, fl-istqarrija dwar l-għeluq ta' l-għajnuna, l-awtoritajiet Portugiżi indikaw li, wara verifika, somma ta' EUR 211 613.80 ma tistax tiġi kkonfermata bħala eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà. Konsegwentement, dan l-ammont se jiġu rkuprat ukoll. Madankollu, fi tmiem il-perjodu kopert minn dan ir-rapport annwali, ma kienx għadu possibbli li l-għajnuna tiġi magħluqa billi konferma ta' l-estimi tal-ħsara fl-applikazzjoni kienet għadha pendenti. L-Artikolu 10(2) tar-Regolament 2012/2002 jiddikkjara li, fil-każ ta' stima sostanzjalment inqas tad-dannu mġarrab, kif jintwera b'elementi ġodda, il-Kummissjoni għandha tirrikjedi li l-Istat benefiċjarju jirrimborża ammont korrispondenti ta' l-għotja. Għaldaqstant, l-awtoritajiet Portugiżi ġew rikjesti jikkonfermaw l-ammont ta' ħsara diretta. B'ittra li waslet fis-16 ta' April 2007, l-awtoritajiet Portugiżi kkonfermaw l-ammont ta' ħsara diretta li kien effettivament stabbilit (EUR 1 302 miljun meta mqabbel ma' EUR 1 228 miljun stmat fl-

applikazzjoni). Konsegwentement, l-ammont totali li se jiġi rkuprat huwa EUR 6 391 501.59. Il-proċeduri għall-irkupru ta' dan l-ammont inbdew.

Fl-2006, il-Kummissjoni rċeviet rapporti finali dwar l-implimentazzjoni għal għotjiet li saru fl-2004 minn Spanja (nirien forestali fuq il-fruntiera mal-Portugall) u Malta (għargħar). Waslet informazzjoni addizzjonali dwar ir-rapport ta' l-implimentazzjoni fir-rigward ta' l-għajnuna mogħtija wara t-tixrid taż-żejt mit-tanker "Prestige" fi Spanja. Fi tmiem il-perjodu kopert minn dan ir-rapport annwali, kienet għada għaddejja l-evalwazzjoni ta' dawn ir-rapporti ta' implimentazzjoni. Fir-rigward ta' l-għajnuna ta' EUR 19.625 miljuni li ngħatat lil Franza fir-rigward ta' l-għargħar tad-delta tar-Rhone fl-2004, li għaliha wasal ir-rapport ta' l-implimentazzjoni fl-2006, din l-għajnuna ġiet magħluqa fid-29 ta' Novembru 2006. Billi ammont ta' EUR 135 492.09 baqa' ma ntefaqx, inbdiet proċedura ta' rkupru mill-Kummissjoni.

8. PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT ĠDID GĦAL FOND TA' SOLIDARJETÀ

Wara li l-grupp ta' Kunsillieri Finanzjarji tal-Kunsill beda jeżamina l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament ġdid dwar il-Fond ta' Solidarjetà taħt il-Presidenza tar-Renju Unit, din il-ħidma intensifikat matul l-ewwel xhur tal-Presidenza Awstrijaka fl-2006. Filwaqt li ftit Stati Membri ma qablux mat-twessigħ ta' l-ambitu ta' l-istrument, maġġoranza vasta tad-delegazzjonijiet esprimew riżervi dwar kważi l-elementi l-oħra ġodda kollha li kien fiha l-proposta. Il-Kummissjoni ppreżentat sensiela ta' dokumenti ta' ħidma biex juru li dawk it-tħassibiet – partikolarment fir-rigward tal-finanzjament tal-Fond rivedut – ma kellhomx bażi, iżda ma sar ebda progress. Fil-laqgħa tal-15 ta' Marzu, il-Presidenza Awstrijaka kkonkludiet li ma għandhiex tkompli bil-proposta għalissa.

Min-naħa l-oħra, il-Parlament Ewropew fit-18 ta' Mejju adotta r-rapport favorevoli ħafna ta' Berend, li tħejja mill-Kumitat REGI. Filwaqt li talab sensiela ta' emendi, ir-rapport ġeneralment qabel ma' l-elementi kollha li kien fiha l-proposta tal-Kummissjoni. Wara l-adozzjoni tar-rapport Berend, il-kwistjoni reġgħet tpoġġiet fuq l-aġenda tal-grupp ta' ħidma tal-Kunsill fit-30 ta' Mejju, minkejja li dan l-element il-ġdid ma wasalx għal bidla fil-pożizzjoni ta' l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni ħadet sensiela ta' passi, inkluż fil-livell tal-President tal-Kummissjoni, biex tikkonvinċi lill-Istati Membri u partikolarment lill-Finlandiżi li se jieħdu l-Presidenza u, lejn tmiem l-2006, lill-Presidenzi Ġermaniżi tal-Kunsill biex jerġgħu jniedu d-dibattitu dwar il-proposta. Madankollu, sa tmiem l-2006, ma kien sar ebda progress.

9. KONKLUŻJONIJIET

Total ta' erba' applikazzjonijiet ġodda għal għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà ġew riċevuti fl-2005, għadd limitat meta mqabbel mat-tliet snin ta' qabel. L-applikazzjoni ta' l-Ungerija biss kienet tirrigwarda diżastru naturali maġġuri – il-qasam ewlieni ta' applikazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà – li għalih il-Kummissjoni setgħet tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-Fond. Sussegwentement din ġiet approvata mill-Awtorità Baġitarja.

Tressqu tliet applikazzjonijiet oħra taħt il-kriterju tad-diżastri reġjonali, fejn applikazzjoni waħda – dik marbuta ma' l-isplużjoni tad-depot taż-żejt ta' Buncefield - ġiet irtirata mill-gvern tar-Renju Unit minħabba f'dubji dwar l-adegwatezza tagħha fid-dawl tal-kriterji tar-Regolament, li ġeneralment jeskludu appoġġ fil-każ ta' diżastri ta' oriġini teknoloġiċi (nota: il-proposta għal Regolament ġdid dwar il-Fond ta' Solidarjetà jagħmel referenza espliċita għal diżastri teknoloġiċi). L-informazzjoni mogħtija b'appoġġ ta' l-applikazzjoni Griega dwar l-għargħar tax-Xmara Evros, it-tieni applikazzjoni dwar diżastru reġjonali fl-2006, tqieset li tissodisfa l-kriterji u, għalhekk, ġiet proposta l-mobilizzazzjoni tal-Fond. L-applikazzjoni dwar in-nirien forestali fil-Galicia ġiet irrifjutata minħabba li l-kriterji tar-Regolament ma ġewx issodisfatti.

Għall-applikazzjonijiet fl-2006, il-Kummissjoni pproponiet ammont totali ta' għajnuna mill-Fond ta' EUR 24.4 miljun. Wara l-2004, dan irrappreżenta t-tieni l-inqas ammont annwali mill-ħolqien tal-Fond fl-2002.

Filwaqt li fuq skala iżgħar milli fis-snin preċedenti, l-esperjenza fl-2006 kkonfermat ix-xejra ġenerali li biha l-biċċa l-kbira ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna mill-Fond ta' Solidarjetà ma jitressqux għal diżastri maġġuri li jirrappreżentaw l-ambitu ewlieni tal-Fond, iżda jitressqu taħt il-kriterji għal diżastri reġjonali. Dawn il-kriterji – li skond ir-Regolament għandhom jiġu eżaminati mill-Kummissjoni "bl-ikbar rigorożità" – għadhom relattivament diffiċli biex jiġu sodisfatti. Ir-rata ta' applikazzjonijiet li jfallu għall-kriterji reġjonali (eċċezzjonali), ta' madwar 60 %, għadha għolja. Għal applikazzjonijiet dwar diżastri maġġuri li għalihom japplika biss kriterju kwantitattiv wieħed, l-evalwazzjonijiet pożittivi s'issa kellhom rata ta' 100 %.

Il-Kummissjoni għadha temmen li, minn naħa waħda, bl-użu ta' kriterju wieħed biex jiġi utilizzat il-Fond b'limiti kwanititattivi iktar baxxi milli dawk applikati llum u, min-naħa l-oħra, bit-tnaqqis tal-kriterji preżenti (mhux kwantitattivi) ta' diżastru reġjonali 'eċċezzjonali', l-użu effiċjenti tal-Fond ta' Solidarjetà jitjieb. Fl-istess ħin, jgħin biex jiġi evitat il-frustrament li jiġi wara applikazzjonijiet irrifjutati minħabba li huwa diffiċli ħafna li jiġu sodisfatti l-kriterji eċċezzjonali.

Fuq il-bażi ta' evidenza tal-passat, xi tibdiliet ikunu ġeneralment newtrali fis-sens li l-istess deċiżjonijiet biex jiġi mmobilizzat il-Fond ikollhom jittieħdu taħt l-istess kriterji. Iżda, billi jiġu ċċarati l-kriterji, u bit-tneħħija tal-kriterji reġjonali li mhux daqshekk sempliċi tar-Regolament attwali, l-Istati attwali jkollhom sinjal iktar ċar dwar jekk għandhomx jinvestu jew le riżorsi konsiderevoli biex jagħmlu applikazzjoni għall-EUSF. Il-kriterji l-ġodda fihom infushom jagħmlu kontribut konkret lejn "regolazzjoni aħjar".

Huwa għalhekk li l-Kummissjoni tittama li l-Kunsill ikun lest jerġa' jqis il-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' April 2005 għal Regolament ġdid dwar il-Fond ta' Solidarjetà li fiha d-dispożizzjonijiet rilevanti. Barra minn hekk, it-twessigħ ta' l-ambitu tal-Fond għal diżastri li ma għandhomx oriġini naturali jista' joffri opportunità lill-Komunità biex tipprovdi espressjoni importanti tas-solidarjetà tagħha f'każ ta' kriżijiet barra dawk b'oriġini naturali.

ANNESS 1
European Union Solidarity Fund applications received or completed in 2006

Applicant Country	RO	BG	BG	RO	AT	UK	EL	HU	ES
Name and nature of disaster	Spring flooding	Spring flooding	Summer flooding	Summer flooding	Flooding	Explosion	Evros flooding	Flooding	Forest fires
First damage date	15/04/2005	25/05/2005	5/08/2005	2/07/2005	22/08/2005	11/12/2005	13/03/2006	3/04/2006	4/08/2006
Application date*	22/06/05	13/07/05	24/08/05	9/09/05	19/10/05	17/02/2006	22/05/2006	9/06/2006	6/10/2006
Complete information available on	29/12/05	30/09/05	6/10/05	29/12/05	12/1/06	-	13/11/06	21/906	6/10/06
Major disaster threshold (m€)	302.114	103.274	103.274	302.114	1 336.348	3 202 578.000	1 004.136	459.492	3 202.578
Total direct damage (m€)**	489.530	*222.279*	237.446	*1 049.681*	*591.944*	700.00***	*372.26*	519.10	90.96
Category	**major**	**major**	**major**	**major**	regional	(regional)	regional	**major**	regional
Damage/threshold	162.03%	*215.23%*	*229.92%*	347.45%	*44.30%*	*0.02%*	*37.07%*	*112.97%*	*2.84%*
Cost of eligible emergency operations (m€)**	160.867	*144.478*	*190.433*	259.176	196.242	-	*325.00*	*334.51*	*85.15*
Eligible cost/ total damage	32.9%	*65.0%*	*80.2%*	24.7%	*33.2%*	-	*87.30%*	*64.44%*	*93.61%*
Aid/eligible cost	11.69%	*6.73%*	*5.58%*	20.22%	*7.54%*	-	*2.86%*	*4.50%*	-
Aid rate (% of total damage)	3.84%	*4.37%*	*4.48%*	4.99%	*2.50%*	-	*2.50%*	2.90%	-
Date of grant decision	26/07/2006	19/6/2006	19/6/2006	26/07/2006	29/6/2006	-	2007	2007	**rejected 2007**
Date of Implementation agreement	28/07/2006	21/06/2006	21/06/2006	28/07/2006	20/09/2006	-	2007	2007	-
Aid granted (EUR)	***18°797°800***	***9°722°183***	***10°632°185***	***52°406°870***	**14°798°589**	**application withdrawn**	**(9°306°527)**	**(15°063°587)**	**-**

* Registration of initial application at Commission
** As accepted by Commission
*** Amount could not be verified

ANNESS 2
Criteria to mobilise the EU Solidarity Fund

Extract from Council Regulation 2012/2002:

"Article 2:

1. At the request of a Member State or country involved in accession negotiations with the European Union, hereinafter referred to as 'beneficiary State', assistance from the Fund may be mainly mobilised when a major natural disaster with serious repercussions on living conditions, the natural environment or the economy in one or more regions or one or more countries occurs on the territory of that State.

2. A '**major disaster**' within the meaning of this Regulation means any disaster resulting, in at least one of the States concerned, in damage estimated either at over EUR 3 billion in 2002 prices, or more than 0,6 % of its GNI.

By way of exception, a **neighbouring Member State or country involved in accession negotiations with the European Union**, which has been affected by the same disaster can also benefit from assistance from the Fund.

However, under exceptional circumstances, even when the quantitative criteria laid down in the first subparagraph are not met, a **region** could also benefit from assistance from the Fund, where that region has been **affected by an extraordinary disaster**, mainly a natural one, affecting the major part of its population, with serious and lasting repercussions on living conditions and the economic stability of the region. Total annual assistance under this subparagraph shall be limited to no more than 7,5 % of the annual amount available to the Fund. Particular focus will be on remote or isolated regions, such as the insular and outermost regions as defined in Article 299(2) of the Treaty. The Commission shall examine with the utmost rigour any requests which are submitted to it under this subparagraph."

ANNESS 3
Determination of the amount of aid

A progressive system in two brackets is applied whereby a country affected by a disaster receives a lower rate of aid of 2.5% for the part of total direct damage below the "major disaster" threshold and a higher share of aid of 6% for the part of the damage exceeding the threshold. The two amounts are added up.

The threshold is the level of damage defined by the Regulation to trigger the intervention of the Fund, i.e. 0.6% of GNI or EUR 3 billion in 2002 prices. This element ensures that the relative capacity of a State to deal itself with a disaster is taken into account. It also ensures that for the same amount of damage relatively poorer countries receive more aid in absolute terms than richer ones. For extraordinary regional disasters the same method is being applied, meaning consequently that countries affected by those disasters, which by definition remain below the threshold, receive 2.5 % of total direct damage in aid.

ANNESS 4

Thresholds for major disasters applicable in 2006

(based on 2004 figures for Gross National Income)

(Million EUR)

Country		GNI 2004	0.6% of GNI	Major disaster threshold 2006
AT	ÖSTERREICH	**234 184**	**1 405.103**	**1 405.103**
BE	BELGIQUE-BELGIË	**290 703**	**1 744.220**	**1 744.220**
BG	BALGARIJA	**18 927**	**113.563**	**113.563**
CY	KYPROS	**12 297**	**73.784**	**73.784**
CZ	ČESKA REPUBLIKA	**82 560**	**495.358**	**495.358**
DE	DEUTSCHLAND	**2 216 000**	**13 296.000**	**3 202.578***
DK	DANMARK	**195 471**	**1 172.825**	**1 172.825**
EE	EESTI	**8 456**	**50.733**	**50.733**
EL	ELLADA	**167 356**	**1 004.137**	**1 004.137**
ES	ESPAÑA	**827 642**	**4 965.852**	**3 202.578***
FI	SUOMI/FINLAND	**149 197**	**895.182**	**895.182**
FR	FRANCE	**1 657 132**	**9 942.792**	**3 202.578***
HR	HRVATSKA	**27 623****	**165.739**	**165.739**
HU	MAGYARORSZÁG	**76 582**	**459.494**	**459.494**
IE	IRELAND	**125 714**	**754.285**	**754.285**
IT	ITALIA	**1 343 620**	**8 061.718**	**3 202.578***
LT	LIETUVA	**17 591**	**105.543**	**105.543**
LU	LUXEMBOURG (G-D)	**22 643**	**135.855**	**135.855**
LV	LATVIJA	**10 945**	**65.667**	**65.667**
MT	MALTA	**4 203**	**25.220**	**25.220**
NL	NEDERLAND	**489 791**	**2 938.746**	**2 938.746**
PL	POLSKA	**186 029**	**1 116.176**	**1 116.176**
PT	PORTUGAL	**140 465**	**842.788**	**842.788**
RO	ROMÂNIA	**58 947****	**353.681**	**353.681**
SE	SVERIGE	**281 444**	**1 688.665**	**1 688.665**
SI	SLOVENIJA	**25 905**	**155.429**	**155.429**
SK	SLOVENSKÁ REPUBLIKA	**32 790**	**196.738**	**196.738**
TR	TÜRKIYE	**24 1373**	**1 448.237**	**1 448.237**
UK	UNITED KINGDOM	**1 754 367**	**10 526.204**	**3 202.578***

* ~ EUR 3 billion in 2002 prices

** GDP (GNI not available)